# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Seduta Collisions**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Miriam Anne Moran**

**Illum, 28 ta' Settembru, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Miriam Anne Moran detentrici tal-karta tal-identitá numru 560163M, li permezz taghhom giet akkuzata talli fl-10 ta' April 2016, ghall-habta ta' 17.00hrs fi Triq Sant' Andrija, San Giljan, saqet vettura numru EBR 467 tal-ghamla Mercedes Benz,

1) *B' manjiera perikoluza;*
2) *B' manjiera traskurata;*

3) *Saqet jew ippruvat issuq jew kellha kontroll tal-imsemmija vettura nru. EBR 467, fi triq jew f'post pubbliku meta ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;*
4) *U aktar talli fl-istess data, lok u hin naqset jew irrifjutat li taghti skont il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina;*
5) *Kif ukoll f'post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienet fi stat ta' sakra b'mod li ma kinitx tista' tiehu hsieb taghha nnifsha jew kienet tidher bic-car fis-sakra waqt li kellha l-hsieb tal-imsemmija vettura;*
6) *Ingurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, cioè PS 539 F Caruana, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;*
7) *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kienet qed taghmel uzu mill-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat hruq jew ghamlet xi hsara (vetturi LCL 916 u JON 677) ghad-detriment ta' John Fenech u Leone Bugeja;*
8) *Kif ukoll volontarjament, kisret il-kwiet tal-pubbliku u l-bon ordni bl-ghajjat jew b'xi mod iehor.*

*Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.*

Rat l-atti kollha;

Semghet ix-xhieda u trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti evalwat ix-xhieda moghtija permezz ta' affidavits ta' PC 434 James F. Scifo, PS 539 Fabian Caruana, PC 1210 Steve Farrugia, li lkoll xehdu dwar dak li sehh, u liema verzjonijiet jissottolinjaw l-istess verzjoni moghtija, fis-sens li l-imputata kienet kellmet hazin lill-Ufficjali tal-Pulizija, u li bid-diskors li nghadd mill-istess imputata, l-Ufficjal tal-Pulizija PS 539 hassu mhedded li l-imputata setghet taghmel xi haga lilu jew lill-membri tal-familja tieghu. Ikkonfermaw ukoll li meta beda jsir it-test tan-nifs lill-imputata, dan kellu jsir tliet darbiet wara xulxin, u li per

konsegwenza, gie allegat li l-imputata bdiet taghmlu hazin. Rat ukoll ix-xhieda ta' PS 593 Raphael Attard Flores, li xehed li huwa kien xamm riha ta' alkohol fuq l-imputata.

Il-Qorti evalwat ix-xhieda moghtija minn John Fenech, li sostna li huwa kien prezenti waqt li sehh l-incident in kwistjoni. Dan sostna li l-imputata kienet fi stat ta' paniku, u sostna li l-imputata xtaqet li jaslu fi ftehim bejn is-sewwieqa kollha nvoluti. Dan xehed ukoll li fl-opinjoni tieghu, l-imgieba tal-imputata fir-rigward tal-Ufficjali tal-Pulizija, ma kinitx attitudni li biha jitkellmu Ufficjali tal-Pulizija. Sostna li kien hemm xi tip ta' dizgwid bejn l-Ufficjali tal-Pulizija u l-Wardens u l-imputata. Ikkonferma wkoll li l-*breathalyzer* sar iktar minn darba. Ikkonferma li kien hemm nuqqas ta' rispett versu l-Ufficjali tal-Pulizija. Sostna li huwa ma xammx riha ta' xorb. In kontroezami, ix-xhud ikkonferma li l-vettura tieghu kienet tal-kumpanija, u l-hsarat gew imhallsa mis-socjetà tal-assigurazzjoni. Ikkonferma wkoll li huwa sema' lill-imputata tghid lill-Pulizija li hija ma setghetx tonfoh ghax kellha bzonn tmur sat-*toilet*. Ikkonferma wkoll li l-Pulizija ma kinux awtorizzaw lill-imputata tmur sat-*toilet*.

PS 593 Raphael Attard Flores xehed ukoll fejn spjega li fl-10 ta' April 2016, gew infurmati li kien hemm habta *bumper to bumper* bejn tliet karozzi fi Triq Sant Andrea, Pembroke, u li kien hemm persuna li x'aktarx kienet taht l-influwenza tal-alkohol. Spjega li huwa mar ma' kollegi ohra fuq il-post, u li ra lill-imputata li kellha riha ta' alcohol. Spjega li gie deciz li jsir l-*breathalyzer test*, izda x'hin bdiet taghmlu, l-imputata, sforz tas-sakra li kellha, ma bdietx taghmlu sew. Spjega li dan sar xi sitt darbiet, u mbaghad ma komplewx jaghmluh. Spjega li huwa beda jghid lill-imputata kif kellha tonfoh, izda dan it-test spicca ma sarx sew. Sostna li l-imputata ma bdietx tonfoh. It-test ghalhekk gie inkonklussiv. Insista li t-test sar ghax kemm hu, u kemm il-kollegi tieghu, xammew riha ta' xorb. Spjega li l-imputata ma nefhitx bizzejjed, u ghalhekk ir-*reading* tat-test ikun zero.

In kontroezami, huwa cahad li l-imputata talbitu tmur it-*toilet* ghaliex ma tistax tonfoh minhabba kundizzjoni medika li ghandha. Huwa sostna li ma jafx x'gara wara, fis-sens li ma jafx jekk wara, l-imputata thallietx issuq lura lejn id-dar.

L-imputata xehdet fejn spjegat li hija talbet lill-Ufficjali tal-Pulizija jawtorizzawha tmur sat-*toilet* ghaliex hija kienet ghadha kif ghamlet *hysterctomy,* u kienet ferm anzjuza. Spjegat li qabadha delirju x'hin ma awtorizzawhiex. Sostniet li hija qalet

lill-Ufficjal, li hu ma kienx qed jifhimha, u li ghandha bzonn tmur it-*toilet*. Sostniet li kompliet tfiehem lill-Ufficjal li dan huwa bzonn li kellha, u dak il-hin qaltlu li huwa qisu *Beverley Cop* ghaliex ghandu awtorità fuqu. Sostniet li huwa rrispondiha li hija qed theddu, izda hija cahdet, filwaqt li qaltlu li hija qed taghtih ezempju biex hu jhenn ghaliha. Kompliet tghid li mbaghad beda jaghmlilha l-*breathalyzer* u sar kemm-il darba, izda l-Ufficjal tal-Pulizija beda jghidilha li qed taghmlu hazin. Sostniet li regghet talbitu biex ihalliha tmur it-*toilet,* u mbaghad terga' taghmlu, izda ma tahiex permess. Spjegat li hija bdiet taghmel tahtha. Imbaghad semghet lil xi hadd jghid li zgur ghamlitu tajjeb ghax hemm il-*mist,* u f'daqqa wahda giet ordnata tmur, u in fatti saqet hi stess lejn id-dar.

Ikkonfermat li l-*breathalyzer* sar fuq il-post tal-incident. Hija kkonfermat c-certifikat a fol 35, li huwa prova li hija kienet ghadha kif ghamlet *major operation* u d-dokument sussegwenti li juri li hija qed tbati b'inkontinenza. Spjega li ezebiet dokument minghand is-socjetà ta' assigurazzjoni, li ma sabet l-ebda problema dwar dan l-incident, stante li dan kien l-ewwel incident stradali li kellha. Ikkonfermat ukoll dokument iehor li jikkonferma li hija tiehu hsieb liz-zijiet anzjani li jiddependu fuqha.

In kontroezami, hija sostniet li sthat tghid lill-Pulizija li hija kellha bzonn tmur it-*toilet* minhabba l-operazzjoni li kienet ghadha kif ghamlet. Sostniet li hija nfurmat lill-Pulizija li kellha kondizzjoni, u ghandha bzonn tmur sat-*toilet*.

**Ikkunsidrat:**

Wara li din il-Qorti fliet il-provi kollha u semghet it-trattazzjoni finali, din il-Qorti sejra taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

Dwar l-ewwel u t-tieni akkuza, dawn ma jirrizultawx li gew ippruvati lil hinn minn kull dubju ragonevoli mill-Prosekuzzjoni. In fatti dwar id-dinamika ta' dan l-incident, ma tressqu l-ebda provi. Ghalhekk, l-imputata sejra tigi liberata minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Dwar it-tielet imputazzjoni ravvizata fl-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, allura jehtieg lill-Prosekuzzjoni, sabiex tinstab htija skond dan l-Artikolu, tipprova

illi l-kapacità tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa, u li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Anki f'kaz li bniedem ikun jirrizulta effettivament illi ecceda il-limitu preskritt, dana ma jfissirx li huwa hati ta' imputazzjoni migjuba taht dan l-artikolu, sakemm ma jirrizultax ukoll illi minhabba tali stat, huwa mhuwiex f'kundizzjoni illi jsuq ghaliex ghandu l-kapacità mnaqqsa.

F'dan il-kaz, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-imputata ma kinitx fi stat li fih setghet tikkontrolla l-vettura, u dana minhabba l-kundizzjoni li kienet tinsab fiha. Ix-xhud John Fenech, in fatti sostna li huwa lanqas biss xamm xi riha ta' xorb fuq il-persuna tal-imputata. In oltre, jirrizulta mix-xhieda tal-imputata stess, li sussegwentement, hija giet ordnata mill-Ufficjali tal-Pulizija biex titlaq, u in fatti kienet hi stess li saqet lura lejn id-dar.

Ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet din il-Qorti stess, fil-kawza fl-ismijiet, The Police vs Marek Krister Ala Ketola, deciza fit-8 ta' Marzu 2019, fejn intqal:

> *"The accused is charged that he refused to provide a specimen of his breath when he was requested according to the law.*
>
> *Article 15 E (4) of Chapter 65 of the Laws of Malta stipulates that:*
>
> *"A person who refuses or fails to provide the requisite specimen as provided under this article or regulations made under this Ordinance shall be guilty of an offence and unless the contrary is proved, it shall be presumed that the proportion of alcohol in that person's blood exceeds the prescribed limit:*
>
> *Provided that it shall be a defence for such person to prove that his failure to provide a specimen was due to physical or mental incapacity to provide it or because its provision would entail a substantial risk to his health."*
>
> *As regards this proviso, in the judgement given on the 15th September 2000 in the names of "The Police vs Joseph Bonnici", the Court explained that when the law speaks of physical or mental incapacity, it is referring to an incapacity which results independently from the intoxicated state of the person being asked to provide a specimen of breath. In Blackstone' s*

*Criminal Practice– 2000, Blackstone Press Limited (London) 2000, p.878, "normally, expert medical evidence of the physical or mental incapacity to provide the specimen is required to support the defence and demonstrate the existence of the necessary causative link between the incapacity and the failure to provide."*

Mill-provi prodotti, irrizulta li l-imputata kienet ghadha kif ghamlet operazzjoni, u li kienet qed tbati minn inkontinenza. Irrizulta wkoll li talbet lill-Ufficjal tal-Pulizija sabiex jawtorizzha tmur sat-*toilet*. Dan gie kkonfermat ukoll mix-xhud John Fenech. Madanakollu, din ma gietx hekk awtorizzata, bil-konsegwenza li spiccat li sa anke bdiet taghmel tahtha. Irrizulta wkoll li John Fenech ukoll xehed li l-imputata kienet ferm anzjuza wara li sehh l-incident. Dan kollu jikkombaca mal-kontenut tac-certifikati ezebiti a fol 35 u 36 tal-process. Gie kkonfermat li l-imputata ppruvat kemm-il darba tonfoh biex taghti kampjun tan-nifs taghha. Madanakollu, ir-rizultat kien wiehed inkonklussiv, stante li fil-kondizzjoni li kienet fiha, fejn kellha bzonn urgenti li tmur sat-*toilet* in vista tal-operazzjoni li kienet ghadha kif ghamlet, ma setghetx tonfoh kemm kien hemm bzonn. Il-Qorti tqies li l-imputata setghet facilment giet skortata gewwa t-*toilet* fejn kienet tithalla taghmel il-bzonnijiet taghha, u mbaghad terga' tigi mitluba taghti l-kampjun tan-nifs taghha.

Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti sejra ma ssibx htija fl-imputata fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Dwar is-sitt imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din giet ippruvata lil hinn minn kull dubju ragonevoli, u dana wara li l-istess Qorti fliet dak li nghadd mill-Ufficjali tal-Pulizija fix-xhieda moghtija minnhom, u kif ukoll mix-xhieda moghtija minn John Fenech.

Dwar is-seba' imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma resqitx lil Leone Bugeja, u ghalhekk din l-imputazzjoni ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-vettura ta' Leone Bugeja, ma tirrizultax. Dwar imbaghad dak li ghandu x'jaqsam mal-vettura ta' John Fenech, irrizulta li l-hsarat li kien hemm gew imhallsa u saldati mis-socjetà ta' assigurazzjoni. Madanakollu, kif già nghadd, ma tressqu l-ebda provi dwar id-dinamika tal-incident, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija li b'xi mod, l-imputata naqset fis-sewqan taghha.

Dwar il-hames u t-tmien imputazzjoni, dawn huma entrambi kontravenzjonali. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi dwar l-ewwel notifika tal-imputata. Stante li kull dubju ghandu jmur favur l-imputata, din il-Qorti tqies li dawn huma llkoll preskritti, stante li l-ewwel seduta li fiha dehret l-imputata kienet fis-26 ta' April 2018, u cioè aktar minn 3 xhur wara li sehhew l-allegati kontravenzjonijiet.

**Decide**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq esposti, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:**

- **(i) tiddikjara li l-hames u t-tmien imputazzjonijiet huma preskritti;**
- **(ii) tillibera lill-imputata minn kull htija ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni;**
- **(iii) wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tas-sitt imputazzjoni, u tikkundannha ghal hlas ta' multa ta' EUR 850;**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**